MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2001

Citazzjoni Numru. 1540/2000/1

**ASSOCIATED SUPPLIES LIMITED**

**vs**

**Constantino ABELA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq fil-21 ta' Lulju, 2000, li bih is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fit-22 ta' Mejju 1997 il-konvenut ordna sistema ta' *Automatic Fuel Dispensing Unit* minghand is-socjeta' attrici, versu l-prezz u l-kundizzjonijiet elenkati fil-*confirmation of order* ffirmat mill-konvenut (Dokument A), u liema sistema giet debitament installata mis-socjeta' attrici ghall-beneficcju tal-istess konvenut;

Illi fis-6 t'Awissu 1999, sar rapport mill-konvenut dwar hsara f'dan il-makkinarju, liema hsara rrizultat, waqt spezzjoni maghmula fis-16 t'Awissu 1999, il-konsegwenza ta' att ta' vandalizmu kkawzat fuq il-*cash acceptor* li tifforma parti minn din is-sistema (Dokument B);

Illi fl-1 ta' Frar 2000, is-socjeta' attrici, in buona fede u bil-fehma illi dan ix-xoghol kien gie ordnat mill-konvenut, biddlet u ssostitwiet dan il-*cash acceptor* formanti parti mis-sistema tad-*Dispensing Unit*, b'accessorju iehor gdid u mhux uzat (Dokument C);

Illi, in segwitu', il-konvenut irrifjuta li jhallas il-prezz ta' dan l-accessorju u, minkejja li debitament notifikat anke b'ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2000, irrifjuta wkoll li jirrestitwixxi dan il-*cash acceptor* lis-socjeta' attrici fl-istat pristinu tieghu, dana kollu minghajr ebda raguni gustifikata jew valida fil-ligi;

Illi dan il-*cash acceptor* qieghed jintuza regolarment mill-konvenut bhala arti integrali mis-sistema tal-*Automatic Fuel Dispensing Unit*, u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha suspett fondat illi dan l-accessorju ma ghadux fl-istat pristinu tieghu;

Illi, ghar-ragunijiet premessi, il-konvenut arrikka ruhu indebitment b'valur ekwivalenti ghal *cash acceptor* gdid, illi s-socjeta' attrici ma kenitx tikkonsenja u tinstalla ghand il-konvenut, kieku mhux ghax kienet tal-fehma illi dan l-accessorju kien gie ordnat mill-istess konvenut;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Prevja dikjarazzjoni mitluba minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, illi l- cash acceptor hawn fuq deskritt ghadu jinzamm mill-konvenut fl-istat pristinu tieghu bhala accessorju gdid u mhux uzat tordna lill-konvenut sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, jirrestitwixxi l-cash acceptor lis-socjeta' attrici f'dan l-istat pristinu tieghu; u

2. F’kaz illi jirrizulta illi dan l-accessorju ma ghadux fl-istat pristinu tieghu ossija f’kaz illi l-konvenut jonqos milli jirrestitwixx il-*cash acceptor* lis-socjeta’ attrici fiz-zmien lilhu prefiss, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm2293.20, jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti l-valur tal-*cash acceptor* ikkonsenjat u installat mis-socjeta’ attrici ghall-beneficcju tal-istess konvenut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu 2000, u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni, u b’rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici kontra l-konvenut, sew ghall-uzu ta’ dan l-accessorju u sew ghall-hsarat li jistghu talvolta jkunu ezistenti fil-*cash acceptor* meta jigi restitwit lis-socjeta’ attrici;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tas-Socjeta’ attrici, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota mressqa fid-19 ta’ Settembru, 2000 (pagna 12 tal-process) li biha l-imharrek eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ladarba rrizultaw hsarat fil-cash acceptor, dan l-apparat

kellu per forza jinbidel sabiex il-*fuel dispensing equipment* ikun funzjonabbli;

2. Illi ai termini tal-garanzija moghtija fuq l-istess fuel dispensing equipment, is-sostituzzjoni u stallazzjoni tal-*cash acceptor* kellhom ikunu koperti bl-istess garanzija ladarba irrizulta li l-apparat kien difettuz u l-garanzija tkopri "*mechanical or electrical faults*";

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek;

Rat il-Kontro-Talba tal-imharrek imressqa flimkien man-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu (pagni 15 u 16) u li fiha ippremetta:

Illi l-konvenut rikonvenzjonat ordna u akkwista *fuel dispensing equipment* tal-marka Dostask System 600 minghand is-socjeta' attrici rikonvenzjonata, kif jirrizulta mill-anness Dok. A; u

Illi l-bejgh sar versu l-prezz ta' sitt elef hames mija u sitta u disghin lira maltin u disgha u tletin centezmu (Lm6,596.39) liema hlas sar fi tlett pagamenti, l-ewwel pagament ta' Lm1,825.50 fit-23 ta' Mejju 1997, it-tieni pagament ta'

Lm2,795 fil-11 ta' Awissu 1997 u l-ahhar pagament ta' Lm1,975.89 fit-18 ta'Mejju 1999; u

Illi l-garanzija fuq l-istess *fuel dispensing equipment* hija ta' tmintax (18) il-xahar mid-data tal-istallazzjoni (Dok. B u C); u

Illi l-istess istallazzjoni tal-*fuel dispensing equipment* saret f'Gunju 1999 u bdiet topera fit-8 ta' Gunju 1999; u

Illi ftit tax-xhur wara irrizultaw hsarat fl-istess machine ta' natura mekkanika u teknika (kif jirrizultaw mill-annessi *repair forms* Dok. D1 – D8) kif debitament koperti bil-garanzija; u

Illi konsegwentement l-istess machine ma tistax tintuza ghall-uzu li ghalih inxtrat stante li hija difettuza u anke kellu jinbidel xi apparat (electronic chip tal-cash acceptor) biss ftit xhur wara li l-machine bdiet tintuza; u

Illi saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bejn il-partijiet u ghalkemm is-socjeta' attrici rikonvenzjonata giet interpellata diversi drabi sabiex tesegwixxi r-riparazzjonijiet mehtiega fil-*fuel dispensing machine* u tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni, rapprezentanti telf ta' qliegh, baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta' attrici rikonvenzjonata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-*fuel dispensing equipment* Dostask System 600 li nxtrat mill-konvenut rikonvenzjonant minghand is-socjeta’ attrici rikonvenzjonata hi difettuza u ghaldaqstant mhux tal-kwalita’ pattwita;

2. Tiddikjara li l-bejgh tal-*fuel dispensing equipment* huwa null;

3. Tiddikjara lis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant rapprezentanti telf ta’ qliegh;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant, okkorendo permezz tal-opera ta’ periti nominandi;

5. Tikkundanna lis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata thallas l-ammont li jigi hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti in via ta’ danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant;

6. Tikkundanna lis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta’ sitt elef hames mija sitta u disghin lira maltin u tletin centezmu (Lm6,596.39) rapprezentanti l-prezz imhallas mill-konvenut rikonvenzjonant ghall-akkwist tal-fuel dispensing unit jew ammont iehor li jigi hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti oltre d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali datati 13 ta’ Jannar 1999, 1 ta’ Frar 1999, 18 ta’ Marzu 1999, 21 ta’ April 1999, 17 ta’ Jannar 2000, 8 ta’ Mejju 2000 u 17 ta’ Mejju 2000 u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ attrici rikonvenzjonata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek, flimkien mal-hdax-il (11) dokument mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tat-13 t’Ottubru, 2000, mressqa mis-Socjeta’ attrici bi twegiba ghall-Kontro-Talba tal-imharrek (pagna 32) u li biha eccepiet:

1. Illi in linea preliminari, il-konvenut iddekada mid-dritt tieghu li jintavola l-kontrotalba odjerna kontra s-socjeta’ attrici, bl-eghluq taz-zmien specifikat fl-artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, fuq il-meritu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-konvenut huma fi kwalunkwe kaz, infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi ma huwiex minnhu illi l-makkinarju in kwistjoni huwa kolpit b'xi difett, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-konvenut, sew ghan-nullita' tal-bejgh tal-makkinarju u sew ghad-danni minnu pretizi, hija daqstant infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi, kif ser jigi ppruvat fil-proceduri odjerni, il-konvenut accetta u ha pussess tal-makkinarju in kwestjoni fi stat perfettament funzjonali u seta' jintuza ghall-iskop li ghalih inxtara mill-istess konvenut;

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tas-Socjeta' attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' attrici dwar il-kontro-talba tal-imharrek,

li fiha qieghed jinghad li l-imharrek tilef il-jedd li jressaq l-imsemmija kontro-talba ghax ghaddielu z-zmien li jaghmel dan;

Rat id-Degrieti tal-10 ta' Jannar, 2001, tat-22 ta' Frar, 2001, 22 ta' Marzu, 2001, 26 t'April, 2001, u tal-24 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghal-lum ghal decizjoni dwar l-imsemmija eccezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-eccezzjoni mressqa mis-Socjeta' attrici hija msejsa fuq dak li jghid l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili, li jitkellem dwar iz-zmien li fih tista' ssir talba mix-xerrej kontra l-bejjiegh taht l-obbligi tal-garanzija tad-difett li ma jidhirx tal-haga mibjugha;

Illi, fis-smigh tal-10 ta' Jannar, 2001, (pagna 41) l-avukat tal-imharrek iddikjara li l-kontro-talba mressqa kontra t-talba attrici kienet, fil-fatt, l-azzjoni redibitorja mahsuba fl-artikolu 1427, jigifieri dik li biha x-xerrej jaghzel li jaghti lura 'l-bejjiegh il-haga mixtrija minnu u jitlob minghand dan ir-radd lura tal-prezz imhallas. Dan tixhdu s-sitt talba rikonvenzjonali tieghu;

Illi huwa maqbul bejn il-partijiet li, matul Mejju tal-1997, l-imharrek ordna u xtara minghand is-Socjeta' attrici automatic fuel dispensing unit li giet stallata mill-istess socjeta' attrici. Il-

konvenut jghid li l-oggett mixtri tqieghed fil-post fil-bidu ta' Gunju tal-1999 (ara Dok "C" f'pagna 22) u beda jintuza fit-8 ta' Gunju tal-istess sena;

Illi s-Socjeta' attrici weghdet lill-imharrek (Dok "B" f'pagna 21) li t-taghmir mixtri kien imhares b'garanzija ta' sena u nofs mid-data tat-tqeghid fil-post kontra hsarat mekkanici jew elettrici; filwaqt li kien imhares b'garanzija ta' sitt (6) xhur ghal spejjez ta' xoghol fuq u ta'garr ta' dak it-taghmir;

Illi rrisulta wkoll li, minn Gunju tal-1999 sa Frar tal-2000 (Dok "C" f'pagna 8, Dok "D3" f'pagna 25, Dok "D5" f'pagna 27 u Dok "D6" f'pagna 28, li huwa l- istess dokument imressaq mis-Socjeta' attrici f'pagna 8) partijiet mit-taghmir li ma kinux qeghdin jahdmu sewwa nbidlu mis-Socjeta' attrici;

## *Ikkunsidrat:*

Illi s-Socjeta' attrici qeghda tghid li l-jedd tal-imharrek li jressaq l-azzjoni redibitorja ntemmlu fi zmien sitt (6) xhur minn dakinhar li t-taghmir minnu mixtri tqieghed fil-post u beda jithaddem. Izzid tghid li sa ma tressqet il-kontro-talba, ghaddew izjed minn sitt xhur, u li z-zmien imsemmi fl-artikolu 1431 (1) huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni;

Illi min-naha tieghu, l-imharrek jghid li fil-kaz tieghu,is-sitt xhur bdew jghaddu minn dak inhar li d-difett sar definittiv, jigifieri minn meta gie stabilit definittivment fejn kien id-difett fit-taghmir mixtri. Huwa jghid li sakemm is-Socjeta' attrici kienet qeghda taghmel xoghol ta' tibdil fuq it-taghmir, dan iz-zmien kien wieqaf. Il-konvenut jghid li z-zmien ta' sitt xhur jibda jghaddi, fil-kaz tieghu, minn Mejju tal-2000;

Illi l-ligi tistabilixxi li fejn ix-xerrej ma setax jikxef id-difett, iz-zmien imsemmi fil-ligi jibda ghaddej minn dakinhar li seta' jkun li huwa jikxef id-difett [art. 1431 (2)];

Illi l-kwestjoni dwar jekk iz-zmien imsemmi fl-artikolu 1431 huwiex wiehed ta' preskrizzjoni jew inkella ta' dekadenza nisslet fehmiet li ma jaqblux ghall-ahhar matul is-snin, min jghid li hi wahda u min jghid li hija ohra [ara, per ezempju, sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**1 t'Awissu, 1966**, fil-kawza fl-ismijiet _Cremona et noe vs Farrugia_ (Kollez. Vol: **L.i.270**); u Appell tad-**29 ta' Novembru, 1971**, fil-kawza fl-ismijiet _Calleja vs Portelli et_, li jtennu li z-zmien huwa wiehed ta' preskrizzjoni; u ara wkoll, per ezempju, sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-**26 ta' Marzu, 1976,** fil-kawza fl-ismijiet _Cauchi vs Portelli noe et;_ u sentenza ta' din il-Qorti tas-**6 ta' Lulju, 1982**, fil-kawza fl-ismijiet _Baldacchino vs Darmanin Lia_, li jtennu li z-zmien huwa wiehed ta' dekadenza, u dan minkejja li l-ligi tuza l-kelma "preskrizzjoni";

Illi huwa fatt li jekk iz-zmien hu ta' dekadenza, dan ikun ifisser li ma jistax jittawwal jew jigi sospiz jew interrott bl-istess mod li jigri fi zmien li jista' jaqa' bil-preskrizzjoni;

Illi, dejjem ghal dak li jirrigwarda z-zmien imsemmi fl-artikolu 1431, gie stabilit mill-Qrati taghna f'ghadd ta' kazi, li dak iz-zmien jibda jghaddi minn dak inhar li d-difett jigi accertat u mhux minn meta l-oggett jibda juri sinjali ta' irregolarita' [ara sentenzi tal-Qorti tal-Appell tat-**18 t'Ottubru, 1963**, fil-kawza fl-ismijiet _Baldacchino vs Vincenti Kind_ (Kollez. Vol: **XLVII.i.556**) u tal-**21 t'Ottubru, 1977**, fil-kawza fl-ismijiet _Xuereb vs Attard et noe_];

Illi, min-naha l-ohra, il-Qrati fissru li f'xi kazi jesisti waqt meta x-xerrej imissu jaghraf li difett li hareg f'oggett mixtri u li baqa' jirrikorri b'mod progressiv kien wiehed li jaghti lok ghar-rimedju estimatorju jew redibitorju [ara sentenza tal-Appell tad-**9 ta' Gunju, 1969**, fil-kawza fl-ismijiet _Florian vs Desira_ u dik tal-Qorti tal-Kummerc diga' msemmija 'il fuq fl-ismijiet _Cauchi vs Portelli noe et_];

Illi huwa stabilit ukoll in-negozjati bejn il-partijiet wara l-bejgh fihom infushom ma jwaqqfux iz-zmien li huwa moghti lix-xerrej biex iressaq l-azzjonijiet tieghu dwar l-oggett diffettuz, sakemm ma jirrisultax b'mod ghal kollox car li l-bejjiegh kien stqarr inekwivokabilment u minghajr kundizzjoni li l-oggett kien milqut b'difett jew li kien lest jiehdu lura [ara sentenza tal-**25 ta' Novembru, 1960**, fil-kawza fl-ismijiet _Tanti Palmier vs Runza Mifsud_ (Kollez. Vol: **XLIV.iii.776**) u dik tat-**8 ta' Jannar, 1965** fil-kawza fl ismijiet _Galea vs Calleja_ (Kollez. Vol: **XLIX.ii.1090**)];

Illi xieraq li wiehed issa jqis dawn il-principji fid-dawl tal-fatti li jsawru l-kawza presenti u li gew imsemmija izjed 'il fuq. Minn dawn ic-cirkostanzi kollha, il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa dak

li jirrisulta s'issa mill-atti processwali, issib li l-imharrek ressaq il-kontro-talba tieghu fiz-zmien xieraq;

Illi dan jinghad, principalment, ghal dawn ir-ragunijiet:

(i) it taghmir konsenjat kien stallat f'Gunju, 1999, u beda jintuza minnufih wara;

(ii) it-taghmir kien imhares b'garanzija ta' tmintax-il (18) xahar dwar nuqqasijiet mekkanici jew elettrici, liema zmien kellu jghaddi minn dak inhar tat-tqeghid tieghu fil-post;

(iii) li matul zmien ta' xhur wara t-tqeghid tat-taghmir fuq il-post, tbiddlu partijiet minnu, wara li kienu saru tentativi ghat-tiswija taghhom;

(iv) li, matul dak il-perjodu, kienu qeghdin isiru accertamenti dwar fejn kien sewwasew id-difett fit-taghmir konsenjat; u

(v) li l-bejjiegh (is-Socjeta' attrici) kienet ghadha tibdel il-partijiet minn tal-anqas sal-hdax (11) ta' Marzu, 2000 [Dok "D8" f'pagna 30];

Illi dawn ic-cirkostanzi kollha, fil-fehma tal-Qorti, juru li z-zmien imfisser mill-artikolu 1431 (2) ma setax jibda jghaddi qabel ma

deher car x'kien id-difett lamentat u dan, jitqies kif jitqies, jigi dejjem fit-terminu li matulu l-imharrek ressaq il-kontro-talba tieghu;

Illi dan li nghad m'ghandu bl-ebda mod jinftiehem li l-Qorti qeghda taccetta li tassew kien hemm difett mohbi jew li l-ilmenti tal-imharrek huma b'hekk ippruvati. Din hija fazi tal-kawza li ghadha ma sehhitx u li jehtieg li tigi ippruvata kif imiss, u din il-Qorti bl ebda mod ma trid taghti xi gudizzju dwaru;

Ghalhekk, ghar-ragunijiet imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-imharrek billi tichadha bl-ispejjez ghax mhix misthoqqa, u tordna li l-kawza tissokta bis-smigh tal-provi fil-mertu dwar it-talba attrici u dik rikonvenzjonali.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------